MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 6/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. fl-24 ta' Awissu 2008 ghall-habta tal-5.50 hrs fil-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia, saq vettura numru HAA 416 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, meta din il-licenzja kienet revokata mill-Awtoritajiet kompetenti;

2. u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Dicembru, 2011, li biha

wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 kif ukoll l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant ħati taż-żewg akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu piena ta' priġunerija ta' tliet (3) xhur.

Il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 kif ukoll l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta skwalifikat lill-appellant ghal zmien tnax (12)-il xahar milli japplika ghall-licenzja tas-sewqan.

**Finalment il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap. 104 ordnat il-konfiska tal-vettura HAA 416.**

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi s-sentenza mhix ekwa u ġusta.

Illi l-fatti kienu sempliċiment is-segwenti:

Fil-ġurnata hawn fuq imsemmija kein hemm rapport li l-appellant kien qed isuq

Illi s-sentenza mhix ekwa w gusta.

Ikkonsidrat

Li l-Avukat Ġenerali ta l-eċċezjoni li l-appellant m'għamilx l-atti fil-qosor skont l-artikolu 419(1)(a) tal-Kap 9.

L-imputazzjonijiet huma tnejn kif jidher miċ-ċitazzjoni riprodotta aktar 'il fuq. Skont l-affidavit (a fol 2) PS 645 Jerry Attard, dan l-istess uffiċjal kien ordna lill-appellant

beix ma jsuqx peress li l-appellant m'għandux liċenzja tas-sewqan. Iżda l-appellant qabad u saq u telaq minn fuq il-post.

Mill-affidavit l-ieħor (a fol 3) jirriżulta li PC 829 Alan Dougall kien qiegħed fuq l-istess post li kien PS 645 u ra l-inċident kollu.

Għalhekk, minn dawn l-affidavits, ma jirriżultax li ttieħdu l-passi kontra l-appellant għax kien hemm xi rapport iżda għax kien hemm xhieda fuq il-post li raw u semgħu kollox.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u qed tiddeċiedi li r-rikors huwa rrit u null.

Iżda l-Qorti xorta kompliet tgħarbel il-fatti kif jirriżultaw mill-proċess.
A fol 77 hemm ammissjoni tal-ewwel imputazzjoni daparti tal-appellant u din awtomatikament iġġib ħtija fit-tieni waħda – jiġifieri l-imputazzjoni li l-appellant ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

Wara li qieset dan kollu, din il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta sabet ħtija.

L-appellant jgħid li l-piena mhix ekwa u ġusta.

L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant għat tliet xhur priġunerija għal dawn iż-żewġ imputazzjonijiet. Issa li wieħed jinqabad isuq mingħajr polza ta' assigurazzjoni għal aktar minn darba jsita' jsib ruħu jħallas multa ta' aktar minn €6988 jew piena ta' priġunerija sa sena jew ikun patibbli għaż-żewġ pieni f'daqqa. Mela piena ta' tleit xhur hija waħda ekwa u ġusta.

L-iskwalifika milli japplika għal xi liċenzja tas-sewqan għal sena hija ġusta wkoll.

Jibqa' issa l-konfiska tal-vettura. Il-Qorti eżaminat ukoll din il-parti tal-piena.

Issa, skont il-Kap 104:

"sid", dwar vettura li hija l-oġġett ta’ kuntratt ta’ kiri jew ta’ kuntratt ta’ hire purchase, tfisser il-persuna fil-pussess tal-vettura taħt dak il-kuntratt

(ċ) fil-każ tat-tielet reat jew iktar, multa ta’ mhux anqas minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) iżda ta’ mhux iżjed minn sitt elef, disa’ mija u tmienja u tmenin euro tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) jew priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sena, jew il-multa u l-priġunerija flimkien, u -
(i) meta r-reat ikun jikkonsisti fl-użu ta’ vettura bil-mutur fi triq minn min ikun sid il-vettura bil-mutur jew minn impjegat ta’, jew minn membru tal-familja ta’ u li jkun jgħix ma’, sid il-vettura bil-mutur, u ma jkunx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar din il-vettura skont ma għandha tkun taqbel mal-ħtiġijiet ta’ din l-Ordinanza, il-qorti għandha, b’żieda mal-pieni indikati f’dan is-sub-paragrafu, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur;

Fil-każi li kellha quddiemha l-Qorti fl-istess jum tas-smigħ, jirriżulta li l-appellant kien inqabad mingħar polza tal-assigurazzjoni għal aktar minn darbtejn.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta ordnat il-konfiska tal-Karrozza.

Konklużjoni

Il-Qorti, waqt li qed tiddeċiedi li ser tilqa’ l-appell l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali, qed tiddikjar wkoll li l-Ewwel Qorti kienet korretta kemm fis-sejbien ta’ ħtija kif ukoll fl-ammont tal-piena u tal-konfiska u għalhekk qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fil-21 ta’ Diċembru 2011 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------